**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 6 ta' April 2001.**

Avviz Nru: 927/00

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alan Xerri sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

Carmenu Dalli

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm380.42) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-25 ta' April 1999 fi Triq il-Masgar, Luqa, bejn il-vettura numru DAF 097 misjuqa minnu u l-vettura numru FAE 032 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Alan Xerri, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-imghax mit-18 ta' Jannar 2000 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2000 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qeghda tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament

responsabbli ghall-incident tat-traffiku indikat fl-avviz u ghaldaqstant qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm380.42c) oltre l-imghax legali b'effett mit-18 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg